MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2004

Numru. 40/2004

Il-Pulizija
(Spettur Bernard Zarb)
vs
Helena sive Elaine Buhagiar

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata fuq imsemmija Helena sive Elaine Buhagiar, detentrici tal-karta ta' l-identita numru 113172(M), li permezz taghhom hija giet akkuzata talli f'San Pawl l-Bahar, fil-Qawra, u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer fil-15 ta' Dicembru, 2003 u jew fil-granet ta' qabel :
Ghamel kummerc ta' istituzzjoni, u cioe' talli b'mod regolari u kontra l-ligi wettaq attivita imnizzla fl-iskeda tal-Kapitolu 376 tal-Ligijiet ta' Malta, u senjatament kambju ta' flus (dan bi ksur tal-Artikolu 2 u 3 tal-Kap. 376 u Artikolu 7 (b) tal-Iskeda Annessa ma l-istess Kapitolu;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali skond l-Artikolu 22 (5) ta’ l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzzjarji Kap. 376 sabiex jittiehdu proceduri Kriminali kontra l-imsemmija Elaine Buhagiar talli kisret id-disposizzjonijiet ta’ l-Att fuq imsemmi;

Semghet lill-imputata debitament assistita volontarjament tirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u dana waqt is-seduta tat-23 ta’ Gunju, 2004, waqt li kienu qeghdin isirulha l-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kodici Kriminali;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara bil-gurament tieghu illi l-imputata kienet ikkopperat ferm mieghu matul l-investigazzjoni;

Semghet lill-istess Ufficjal Prosekutur jixhed illi l-hanut in kwistjoni kien mikri lil Colins Exchange Bureau minghand hu l-imputata. Di fatti il-hanut huwa ta’ hu l-imputata u mhux taghha proprju. Meta id-Direttur ta’ Colins Exchange Bureau hareg l-imputata kompliet tiggestixxi hi n-negozju. Hija kienet halliet mal-hanut it-tabella ta’ Colins Exchange Bureau u baqghet ukoll tuza xi invoices ta’ Colins Exchange Bureau. Izda meta kelmuha l-pulizija mill-ghada stess qalghet il-labels kollha ta’ Colins Exchange Bureau u ma hargux aktar tabelli barra. Irrizulta wkoll illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tirkupra l-flus kollha illi effettivament gew esebiti f’dawn l-atti.

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputata fuq imsemmija ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha issibha hatja ta’ l-istess imputazzjonijiet u dana wara li rat l-Artikoli 2, 3 u 22 tal-Kap. 376, kif ukoll l-Artikolu 7 ta’ l-Iskeda annessa ma l-istess Kapitolu 376.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena id-dikjarazzjonijiet kollha illi ghamel l-Ufficjal Prosekutur, l-ammissjoni bikrija illi ghamlet l-imputata sabiex b’hekk evitat li issir il-kumpilazzjoni, kif ukoll il-fatt illi l-imputata ghandha fedina penali netta, ghalhekk wara illi l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 filwaqt illi tikkundannaha ghal prigunerija ta’

tnax il-xahar tordna illi din il-piena ta’ prigunerija ghandha tkun sospiza ghal tmintax il-xahar millum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja fi kliem car bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------